MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 46

16 ta' Diċembru 2010

Minuti tas-Seduta Nru. 46 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar il-Ħamis 16 ta' Diċembru 2010.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni għall-minuta 4.4.5. (Ref: P/10/9; P/4/20/Vol III) u talab li tinqara hekk:

*"4.4.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg ippropona li s-siġar tal-ficus eżistenti jistgħu jiġu mibdula b'oħrajn taż-żnuber jew oħrajn simili, illi huma magħrufa li ma joqgħodux għasafar fuqhom. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li s-siġar għandhom jinżabru mingħajr ma' jiġu trasferiti għal xi post ieħor.".*

1.2. Il-Kunsill approva l-minuti tas-seduta Nru. 45 tat-22 ta' Novembru 2010 bl-emenda mitluba. Il-minuti ġew għalhekk iffirmati.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Użu tal-faċilitajiet fl-Iskola Primarja (S/3/6)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-kuntatti mas-Sinjorina Michelin Sciberras, Direttur Ġenerali fid-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi u s-Sur Bernard Vassallo, iċ-*Chairman* tal-Kunsill Malti għall-Isports, ma ħallewx l-effett mixtieq. Is-Sur R. Cutajar ikkummenta wkoll li ma jagħmilx sens illi l-faċilitajiet fil-bitħa tal-iskola jibqgħu ma jintużawx mit-timijiet tal-*basketball* u n-*netball*, meta l-istess faċilitajiet jintużaw matul il-ġurnata mit-tfal tal-iskola. Għaldaqstant, id-Diviżjoni trid tiddeċiedi dwar jekk hemmx periklu jew le.

2.1.3. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet dwar din is-sitwazzjoni mal-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Impjiegi u l-Familja, kif ukoll mas-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u l-Isports.

### 2.2.1. Korsijiet tal-bizzilla taħt l-Iskema Tagħlim Tul-il Ħajja (E/3/1/Vol III)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.4.4. tas-seduta preċedenti u qal li huwa żar il-klassi tal-bizzilla fejn kien hemm xi diżgwid mad-diriġenti tal-Ladies Craft Circle dwar l-preżenza ta' tifel li kien qed jakkumpanja lill-nantu waqt il-lezzjonijiet fl-istess klassi. Is-Sur R. Cutajar qal li wara illi ġie żgurat li t-tifel kien qed iġib ruħu tajjeb, kien hemm qbil li l-lezzjonijiet

għandhom jibqgħu għaddejjin biħ preżenti. Laqgħa dwar l-istess inċident ser issir mad-direzzjoni tal-Ladies Craft Circle.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Użu ta' kamra fi Ġnien iż-Żerniq fil-Manikata (P/4/16/Vol III)

2.3.2. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għall-minuta 4.1.4. tas-seduta preċedenti u staqsa dwar jekk kienx hemm aktar kuntatti mal-operaturi tas-Seabank Hotel dwar ix-xibka tat-tunnara.

2.3.3. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv, filwaqt li għarraf illi t-tmintax-il kamra li kienu qed jiġu okkupati llegalment fil-Kamp ta' Għajn Tuffieħa, issa ġew żgumbrati kollha. Is-Sur R. Cutajar qal li l-Kunsill għandu japplika mat-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern sabiex jingħata waħda minnhom li tkun tista' tintuża bħala maħżen jew tingħata lill-Assoċjazzjoni Residenti tal-Manikata.

2.3.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

### 2.4.1. Proġett ta' Tisbiħ f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/10/9)(P/4/20/Vol III)

2.4.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrefera għall-minuta 4.4.1. tas-seduta preċedenti u ppropona li tiġi mistħarrġa l-possibilta` li s-siġar tal-ficus eżistenti jinżabru bl-istess mod li sar f'Misraħ ir-Repubblika fil-belt Valletta, fejn hemm siġar tal-istess speċi.

2.4.3. Is-Sindku qal li uffiċjali mid-Dipartiment tal-Agrikoltura diġa marru fuq il-post u kienu kontra l-proposta ndikata fil-minuta 2.4.2.

2.4.4. Fuq suġġeriment tas-Sindku, il-Kunsill qabel li l-periti M.P. & D.C. Ltd, fdati bil-proġett, għandhom jintalbu jagħmlu rappreżentazzjonijiet kemm mal-MEPA, kif ukoll mad-Dipartiment tal-Agrikoltura dwar dan bil-għan li jinqalgħu s-siġar in kwistjoni u jitħawlu mill-ġdid fil-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ.

### 2.5.1. Proġett tal-*Heritage Trail* fl-Imġiebaħ u Selmun (P/10/3/Vol II)

**2.5.2.** Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.7.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li t-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern irkuprat lura l-kmamar li hemm quddiem il-Palazz ta' Selmun u tat-żmien sas-16 ta' Diċembru 2010 lill-persuni li qed jokkupawhom sabiex ineħħu l-affarijiet li għandhom fihom.

**2.5.3.** Is-Segretarju għarraf li saret is-sejħa għall-offerti dwar is-Servizz ta' *Contract Management* relatat mal-proġett imsemmi, filwaqt li laqgħa oħra mal-Agenzija tal-Pagamenti ser issir fis-27 ta' Jannar 2010.

**2.5.4.** Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.6.1. Forum Nazzjonali dwar il-Wirt Kulturali (F/3/Vol XI)(C/3/2/Vol II)

2.6.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 18.1. tas-seduta preċedenti, kif ukoll għad-diskors li għamel is-Segretarju Parlamentari responsabbli mit-Turiżmu, l-Ambjent u l-Kultura – l-Onor. Mario De Marco – waqt l-iffirmar tal-ftehim dwar l-għotjiet li saru mill-MEPA taħt il-Fond għat-Titjib Urban (UIF). Waqt din l-attivita`, li seħħet fid-29 ta' Novembru 2010, l-Onor. De Marco saħaq fuq l-importanza li l-istess fondi jintefqu fuq proġetti ta' restawr biex jitjieb il-pakkett li attwalment qed jiġi offrut lit-turisti.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti filwaqt li laqa' proposta mis-Sur R. Cutajar sabiex isiru rappreżentazzjonijiet mal-MEPA u s-Segretarju Parlamentari responsabbli mit-turiżmu bil-għan li l-fondi li jkun hemm fil-fond jiġu wtilizzati għar-restawr tat-Torri l-Abjad, il-Batterija ta' Westreme (Mużew tat-Tunnara) u biex jitjieb l-aċċess minn Triq il-Kappillan Magri għax-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 18/11/10 – 12/12/10
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 28/10/10 – 29/11/10
- *Purchase Request Form* – 16/12/10
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet

- Rapport tal-Bord tal-Għażla – Impjieġ ta' Skrivan fi Skala 15 – 14/12/10
- Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2010
- Estimi Finanzjarji 2011

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Proġett ta' Tisbiħ f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/4/20/Vol III)

4.1.2. Saret referenza għal ittra data 24 ta' Novembru 2010, mibgħuta mill-operaturi ta' Henry's Garage fejn irreferew għall-applikazzjoni li saret mill-Kunsill lill-MEPA sabiex iġedded il-permess li jinvolvi t-tisbiħ tal-misraħ imsemmi. Fl-istess ittra nġibdet l-attenzjoni li għandu jitħallilhom aċċess bil-vetturi għall-istess misraħ, peress li għandhom il-permess ta' *public service garage*.

4.1.3. Il-Kunsill innota l-informazzjoni mogħtija u kien tal-fehma li s-Sindku, flimkien mal-Kunsillier J. Buttigieg għandhom jiltaqgħu mal-operaturi tal-garaxx sabiex jispjegaw il-pjanijiet tal-Kunsill fir-rigward ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawl II.

### 4.2.1. *Euromed International Sailing Championships* (S/6/Vol IV)

4.2.2. Inqrat ittra datata 16 ta' Novembru 2010, mibgħuta mill-Malta Sailing Federation fejn intqal li qed tiġi organizzata l-10 edizzjoni tal-*Euromed International Sailing Championships* illi ser isseħħ fl-Għadira, li fiha ser jieħdu sehem parteċipanti mir-Russja, Sqallija, l-Italja, l-Iżrael, it-Turkija u Malta. Fl-istess ittra sar appell sabiex il-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment. Min-naħa tagħhom, l-organizzaturi huma lesti li jagħtu pubbliċita` lill-attivitajiet marbuta ma' Milied Mellieħa 2010 fil-fuljett promozzjonali li ser jippubblika fl-okkażjoni ta' *Euromed International Sailing Championships.*

4.2.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-involviment tiegħu f'din il-kompetizzjoni m'għandux jaqbeż €200.

### 4.3.1. Armar ta' *tower crane* fi Triq Snajjin (A/6/3/1/Vol 59)

4.3.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret applikazzjoni minn Aspen Ltd sabiex jarmaw *tower crane* fi Triq Snajjin biswit il-binja bl-isem "View Point". Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li Transport Malta diġa tat il-kunsens tagħha dwar din it-talba, filwaqt li persuna b'diżabilita`, li toqgħod fl-istess blokka, aċċettat bil-kitba li l-post riżervat għall-vettura tagħha jiġi spusstjat ftit 'il bogħod mill-post attwali.

4.3.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jinħareġ permess għal tnax-il xahar, bil-kundizzjoni li x-xogħol jieqaf bejn il-15 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru 2010.

### 4.4.1. PA 4557/10 - Żvilupp fi Triq Edmund Halley / Triq N. Copernicus (P/5/8/E)

4.4.2. Saret referenza għall-petizzjoni datata 6 ta' Diċembru 2010 iffirmata minn diversi residenti miż-żona tal-Kortin li lmentaw illi bl-iżvilupp propost:

- Tiżdiet id-densita` tar-residenzi fiż-żona;
- Ser tintilef medda ta' art li tista' tiġi *landscaped*;
- Jiżdied it-traffiku tal-vetturi li jġib miegħu dannu għas-saħħa; u
- Jitnaqqas il-valur tal-bini eżistenti.

4.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu joġġezzjoni għat-talba a bażi tal-fatt li l-medda ta' art illi suppost titħalla għall-pubbliku hija inqas minn dik iffissata fil-Pjan Lokali *Policy* NWML4 b'60 metru kwadru. Kien hemm qbil li għandha tinġibed l-attenzjoni li aspetti oħra tal-*policy* għandhom jiġu segwiti, fosthom li:

(a) Li l-bini jkun wieħed strettament residenzjali u ma jokkupax iktar minn 30% tal-art involuta;

(b) l-għoli tal-bini m'għandux ikun iktar minn żewġ sulari b'tliet filati *basement*; u

(c) Użu kummerċjali m'għandux ikun permess.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 16 ta' Diċembru 2010.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn it-18 ta' Novembru u t-12 ta' Diċembru 2010. Tressqet ukoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn it-28 ta' Ottubru u d-29 ta' Novembru 2010.

6.3. Il-Kunsill approva ż-żewġ skedi msemmija u għalhekk ġew iffirmati.

## 7.1. Proġett dwar il-*Floodlighting* ta' Bini fi Triq l-Erwieħ u Triq l-Inkurunazzjoni (P/4/14)

7.2. Is-seduta ġiet sospiża peress li l-Ing. Renzo Curmi ntalab jagħmel preżentazzjoni tal-proposti tiegħu dwar il-*floodlighting* tal-faċċata tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, il-ġenb tal-Knisja Parrokkjali u l-ħitan li hemm mal-ġnub tat-toroq imsemmija.

7.3. L-Ing. Curmi għarraf lill-Kunsill illi huwa kien għadu ma kkonkludiex il-proposti kollha li beħsiebu jissottometti u għalhekk spjega dik biss li kien ħejja. Huwa spjega li l-ħitan tal-Belveder tas-Sur, Triq l-Inkurunazzjoni, Triq l-Erwieħ u dak tas-Santwarju jistgħu jiġu mdawwla permezz ta' *downlighters* mwaħħla mal-ħitan. Il-ħajt tal-parkeġġ fi Triq l-inkurunazzjoni jista' jinxtegħel ukoll permezz ta' *uplighters*. Is-Sur Curmi ressaq ukoll żewġ proposti, dwar kif tista' tinxtegħel il-faċċata tas-Santwarju. Waħda minnhom tinvolvi t-twaħħil ta' lampi biex ikun hemm definizzjoni tal-*features* fil-faċċata u l-oħra bi dwal imwaħħlu mal-blat li hemm taħt il-Belvedere tas-Sur immirati lejn il-faċċata tas-Santwarju.

7.4. Is-Sur Curmi qal li proposti tiegħu qed jiġu mfassla fuq nefqa massima €80,000. Huwa spjega li x-xogħol jista' jsir permezz tal-kuntratt tad-dwal tat-toroq, filwaqt li jeħtieġ issir sejħa għall-offerti biex jinxtraw l-attrezzi meħtieġa, peress li dawn mhux koperti bl-istess kuntratt.

7.5. Il-Kunsill qabel li d-dwal ikunu tat-tip *warm white*, kif ukoll li d-diskussjoni fuq is-suġġett għandha tkompli fis-seduta li jmiss meta l-proposti kollha jkunu tħejjew minn Galea Curmi Engineering Consultants.

## 8.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku R. Cutajar illi tgħid:

***"Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) 6(1) u 19(1), kif sussegwentement emendati bl-Avviżi Legali 127/98, 89/2000, 64/2001 u 282/05 jipprovdu għall-ħlas ta' performance bonus lill-impjegati tal-Kunsill;***

***Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2010 ġiet ivvutata somma għal dan il-għan, filwaqt li jidher illi ngħata servizz sodisfaċenti mill-uffiċjali Patricia Cordina, Yvonne Muscat, Marvic De Bono, Marica Azzopardi Gambin u Carmel Debono, matul is-sena li għaddiet, skond ma' jirriżulta mill-Performance Appraisal Report li ġie mħejji skond l-Iskeda A, tal-imsemmija regolamenti; u***

***Billi skond direttiva maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fis-17 ta' Diċembru 2009, permezz tal-Memo 86/2009, l-aħħar Performance Bonus mħallas lill-impjegati kien ikopri sa Jannar 2010;***

***Il-Kunsill jirriżolvi illi fl-aħħar ta' Diċembru 2010, is-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati l-oħra msemmija għandhom jitħallsu l-perċentwali ta' 10% u 6% pro rata, rispettivament, bħala performance bonus, maħdum fuq is-salarji bażiċi rispettivi mħallsa sa l-aħħar tal-istess xahar.*** **(Wages)**

8.2. Wara li l-Kunsill ra l-*Performance Appraisal Reports* tal-impjegati, ir-riżoluzzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg.

## 9.1. Tħejjijiet Milied Mellieħi 2010 (A/5/3/6/Vol III)

9.2. Is-Sindku għarraf illi din is-sena n-numru ta' *huts* taħt it-tinda ser ikunu inqas mis-sentejn preċedenti, iżda minflok ser jinġiebu kannizzati li ser ikunu separati minn waħda għal'oħra bid-drapp.

9.3. F'dak li huwa programm, is-Sindku qal li ser ikun hemm maratona ta' 24 siegħa ta' *cocktails* magħmula minn prodotti tipiċi Maltin mill-mixologist James Aquilina. Din ser tibda mit-8.00pm is-Sibt 18 ta' Diċembru u tiġi fi tmiemha l-għada l-Ħadd fit-8.00pm. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li bejn is-1.00am tas-Sibt u t-8.00am tal-għada ser ikun għaddej sports għall-kulħadd. Fl-10.00am tal-Ħadd ikun hemm attivita` li qed tissejjaħ "Il-Milied għall-Anzjani" li ser tkun animata mill-kantanti David Azzopardi u Fr Karm Debattista, filwaqt li fil-11.00am ikun hemm Rock Mass fil-Knisja Parrokkjali. Il-Ħadd ukoll fis-2.00pm ser tittella' attivita` imsejħa "*Share your Heart*" li hija mmirata għal persuni bi bżonnijiet speċjali.

9.4. Għall-ftuħ tal-attivitajiet mistennija jattendu s-Segretarju Parlamenti responsabbli mill-Kunsilli Lokali l-Onor. Chris Said, kif ukoll il-kelliemi tal-Partit Laburista dwar l-istess qasam, l-Onor. Stefan Buontempo.

9.5. Il-Kunsill innota u approva t-tħejjijiet li saru.

## 10.1. Impjieg ta' skrivan fi Skala 15 (P/7/1/Vol VIII)

10.2. Is-Segretarju ressaq ir-rapport tal-Bord tal-Għażla tal-14 ta' Diċembru 2010, liema rapport sar wara li ġew intervistati dawk il-persuni li attendew l-intervista mil-lista illi ġiet mgħoddija lill-Korporazzjoni dwar l-Impiegi u Taħriġ, datata 16 ta' Novembru 2010. Is-Sur C. Debono spjega wkoll li ġew *shortlisted* żewġ kandidati, li sussegwentement sarilhom test prattiku li kien jinvolvi l-kitba ta' l-ittri u l-użu tal-programmi tal-kompjuter - Word u Excel. Irriżulta li l-kandidata Amanda Grima ġabet l-aktar numru ta' punti wara li ntgħaddu l-punteġġi kollha mogħtija mill-membri tal-Bord individwali.

10.3. Il-Kunsill qabel li jaddotta r-rakkomandazzjoni tal-Bord u għalhekk għandha tintbagħat l-ittra tal-ħatra lis-Sinjorina Amanda Grima.

## 11.1. Estimi Finanzjarji 2011 (F/1/22)

11.2. Is-Segretarju ssottometta l-estimi tad-dħul u l-infieq imbassar sa l-aħħar tas-sena finanzjarja 2010. Qal li meta jitqies id-dħul kurrenti kontra n-nefqa stmata sa l-aħħar ta' Diċembru 2010, mistenni jibqa' bilanċ ta' madwar €243,753. Id-dħul totali għall-istess sena, ser ilaħħaq għal iktar minn €1,115,397, filwaqt li n-nefqa totali sa' l-aħhar ta' Diċembru 2010 hija stmata li tlaħħaq €871,644. Iċ-ċifra li għandu mfaddla l-Kunsill mis-snin ta' qabel tammonta għal €833,745. B'hekk huwa stmat li s-sena finanzjarja 2011 tibda b'bilanċ pożittiv ta' €1,313,046.

11.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien għadu ma ħabbarx l-Allokazzjoni Annwali għas-sena 2011 u għalhekk din inżammet fuq il-livell tas-sena preċedenti, ossija €953,148. Flimkien mad-dħul mill-Gvern, ġie spjegat li ser ikun hemm introjtu mill-imgħaxijiet fuq il-kontijiet bankarji, minn Avventura Sajf għat-tfal, li tiġi organizzata fis-sajf, kif ukoll il-ħlas marbut mal-permessi għal attivitajiet li jsiru fil-beraħ. Ammont sostanzjali ser ikun ġej minn permessi temporanji li jinħarġu bis-saħħa tal-Avviż Legali 119/2002. Ġie spjegat li parti sostanzjali mill-ammont illi jidher fejn il-kont (0120) huma flus li ser idaħħal il-Kunsill matul l-2011 mill-MEPA fir-rigward tal-ġnien pubbliku fi Triq il-Miġbħa/Għasel/Xehda li tammonta għal €147,545. Id-dħul totali tal-Kunsill għall-2011 mistenni li jlaħħaq €1,155,961.

11.4. Il-vot tal-Pagi (1000) ikopri ħames impjegati nkluż is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Ġie spjegat li l-onorarja tas-Sindku, il-pagi tas-Segretarju Eżekuttiv, l-Assistent Prinċipali (Skala 11) u l-Uffiċjali Klerikali (Skala 15) huma bbażati fuq l-iskali ppubblikati mid-Dipartiment tat-Tezor u għalhekk jinkludu ż-żidiet għall-għoli tal-ħajja. Ittieħed in konsiderazzjoni li skond l-emendi illi kien hemm fil-liġi, il-Kunsillieri kollha, inkluż is-Sindku huma ntitolati għall-*allowance* ta' €100 fix-xahar, pagabbli f'Ġunju u f'Diċembru. F'dik li hija Onorarja tas-Sindku, ittieħed in konsiderazzjoni Memo 148/2010, li permezz tagħha s-Sindki ngħataw żieda fl-onorarja retroattiva mill-1 ta' Jannar 2010 ibbażata fuq 50% tal-paga ta' Membru Parlamentari. Il-Kunsill approva in-nefqa totali ta' €116,229 fuq is-Salarji.

11.5. Ingħatat ħarsa wkoll lejn il-kumplament tan-nefqa rikorrenti f'dak li jirrigwarda l-*Operations and Maintenance*. Billi fix-xhur ta' Marzu/April 2010 ser issir il-Konferenza tal-EDEN fil-Mellieħa li tinvolvi nefqa straordinarja taħt il-vot tal-Organizzazzjoni tal-Konferenza (3320), il-Kunsill approva l-allokazzjoni ta' €30,000. Il-Kunsill approva l-voti kollha li jaqgħu f'din il-kategorija, kif imressqa mis-Segretarju

11.6. Saret diskussjoni fit-tul fuq in-nefqa kapitali fejn issemmew il-proġetti ewlenin, fosthom:

- L-akkwist ta' fond għall-estensjoni tal-uffiċċju amministrattiv u r-*refurbishment* li jkun meħtieġ isir wara;
- Ir-*resurfacing* ta' Triq l-Armier permezz ta' *public private partnership*;
- Il-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ;
- Il-*floodlighting* taż-żona ta' Triq l-Erwieħ;
- It-tisbiħ tal-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ;
- Ir-rijabilitazzjoni ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II;
- It-tieni fażi ta' post ta' rikrejazzjoni fiż-żona ta' Mellieħa Heights;
- It-tisbiħ tas-*soft area* fi Triq Qasam Barrani / Triq il-Mitħna l-Ġdida;
- Il-ħolqien ta' *heritage trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ;
- It-tisbiħ ta' Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata; u
- Ir-restawr tat-Torri l-Abjad.

Saret diskussjoni fuq l-allokazzjoni ta' fondi taħt in-nefqa kapitali skond l-priorita` u l-*commitments* li daħal għalihom il-Kunsill. Kien hemm qbil li n-nefqa kapitali għandha tkun imqassma skond ma' jidher fl-iskeda t'hawn taħt:

| Vot | Proġett | Somma Allokata (€) |
|---|---|---|
| **7000** | **Akkwist ta' Proprjeta`** | **145,000.00** |
| 7001 | Akkwist ta' fond għall-Estensjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv | 145,000.00 |
| **7200** | **Titjib** | **128,000.00** |
| 7210 | Titjib fl-uffiċċju nkluż ir-refurbishment tal-fond il-ġdid | 88,000.00 |
| 7220 | Installazzjoni tal-lampi ġodda fit-toroq | 27,000.00 |
| 7230 | Twaħħil ta' tabelli ġodda tat-traffiku u puġġamani fit-toroq | 10,000.00 |
| 7245 | *Litter bins* | 3,000.00 |
| **7300** | **Tagħmir** | **3,000.00** |
| 7310 | Tagħmir tal-uffiċċju | 1,500.00 |
| 7311 | Tagħmir tal-kompjuter | 1,500.00 |
| **7500** | **Proġrammi Speċjali** | **1,135,517.00** |
| 7501 | Faċilitajiet f'postijiet ta' rikjrejazzjoni fil-kampanja | 10,000.00 |
| 7502 | *Resurfacing* ta' toroq li jinkludi Triq l-Armier | 330,000.00 |
| 7505 | Restawr tal-Batterija ta' Westreme minn barra (Tunnara) | 8,000.00 |
| 7504 | *Floodlighting* taż-żona ta' Triq l-Erwieħ / Inkurunazzjoni | 80,000.00 |
| 7508 | Post ta' rikrejazzjoni f'Mellieħa Heights – Tieni Fażi | 176,517.00 |
| 7509 | Il-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ | 200,000.00 |
| 7510 | Rijabilitazzjoni ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II | 90,000.00 |
| 7514 | Titjib ta' żoni qrib ix-xtut | 20,000.00 |
| 7516 | Tisbiħ tas-*soft area* fi Triq Qasam Barrani / Triq il-Mitħna l-Ġdida | 100,000.00 |
| 7519 | Tisbiħ tal-Playing Field fi Triq l-Erwieħ | 30,000.00 |
| 7520 | Tisbiħ ta' Misrah il-Parrocca fil-Manikata | 20,000.00 |
| 7521 | Titjib fi Ġnien Dun Anton Debono nkluż twaħħil ta' Pannelli Fotovoltaiċi | 20,000.00 |
| 7522 | Ħolqien ta' heritage trail f'Selmun u l-Imġiebaħ | 35,000.00 |
| 7523 | Restawr tat-Torri l-Abjad | 16,000.00 |

11.7. Is-Segretarju fakkar li qabel jiġu approvati l-estimi 2011 u l-Pjan ta' Ħidma 2011 – 2013 għandha ssir il-Laqgħa Annwali tal-Lokalita`. Il-Kunsill ma ffissa l-ebda data għal din il-laqgħa.

## 12.1. Ftehim - Tmexxija tal-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija (A/6/7/2/Vol II)

12.2. Is-Segretarju rrefera għall-abbozz tal-ftehim li jinkludi l-emendi li qed jipproponu l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina fil-Klawsoli 6(b); 21(i)-(v); u Dokument D.

12.3. Il-Kunsill reġa' irreveda t-test kollu tal-ftehim u qabel li l-klawsoli segwenti, għandhom jinqraw kif jidher hawn taħt:

*4.(iv) All works on the site shall be carried out using appropriate materials as previously approved by the Council and works which are to be executed on the property shall be carried out with good quality supplies and high level of workmanship. The Council shall be entitled to supervise and/or inspect the works at all reasonable times, but may not withhold such works without a valid reason;*

*6.(a) The parties agree that group visits organised through the Council shall be booked through the Supervisory Committee at least two weeks in advance. Prior to confirmation of the booking, an agreed group entrance fee shall be determined. The Manager shall not refuse any such booking unless the Manager would have entered a previous commitment for a group visit for the proposed date;*

*6.(b) The parties agree that the visits of persons notified to the Manager by the Council beforehand as being on an official visit in the interest of the locality, will be exempt from paying any entrance fees when visiting the premises.*

*21.(i) Upon termination or dissolution of the agreement and saving any wear and tear of the site, the Manager shall return the property in a good state of repair to the Council;*

(ii) Kien hemm qbil li l-kliem "*fixed assets*" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelma "*immovables*".

*"The Manager shall have no right whatsoever over any immovables present on the site on date of termination;"*

(iii) Il-Kunsill ġie infurmat li l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina qed titlob li din il-klawsola tiġi emendata fis-sens li f'każ ta' terminazzjoni tal-ftehim, l-assi permanenti li jkunu fix-xelters għandhom jittieħdu lura mill-Għaqda u jitħallsu mill-Kunsill bi prezz li jiġi kkalkulat wara li jittieħed in konsiderazzjoni d-diprezzament. Il-Kunsill kien tal-fehma li f'każ ta' terminazzjoni, għandu jżomm id-dritt li l-immobbli kollha li jkunu fix-xelter għandhom jibqgħu hemm mingħajr ma jingħata ebda kumpens lill-għaqda. Għalhekk ġie deċiż li klawsola 21.(iii) għandha tinżamm kif tidher hawn taħt:

*"The Manager shall return all the movable property present on the site which movable property shall have been paid through the funds allocated for such purpose by the Council or was already on site upon the commencement of this agreement;"*

(iv) Il-Kunsill approva t-tneħħija tal-klawsola 21.(iv), kif proposta mill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, li tgħid li ġej:

*The Manager shall remove from the site, at its own expense, the movable property which at the time of termination does not form part of the inventory drawn in accordance with clause 5 of this agreement;*

(v) Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jibqa' jżomm id-dritt li ma jġorrx l-ispejjeż biex issir il-manutenzjoni tax-xelters u għalhekk qabel li t-test tal-Klawsola (v) għandu jibqa' kif jidher hawn taħt:

*"The Manager shall have no right to claim reimbursement of any expenses incurred or compensation for negotiorum gestio or services rendered in the exercise of its obligations under this agreement and in execution of the works required to maintain the immovable or movable property in a good state of repair and condition.".*

12.4. Il-Kunsill approva ż-żieda fit-tariffa għad-dħul tat-tfal taħt it-tnax-il sena minn €0.50 għal €0.70.

## 13.1. *Premio per l'Ambiente Gianfanco Merli 2010* (P/10/4)

13.2 Is-Sur E. Bartolo għarraf li huwa flimkien mas-Sur Paul P. Borg, l-awtur tal-klieb *Quest for Identity – The Mellieħa Experience*, flimkien mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali l-Onor. Chris Said kienu f'Ruma fid-9 ta' Diċembru 2010 fuq stedina mal-Movimento Azzurro. Waqt ċerimonja li seħħet fil-bini tal-Parlament Taljan l-Onor. Chris Said ġie ppreżentati il-*Premio Gianfranco Merli* għall-kontribut tiegħu fil-qasam tal-Kunsilli Lokali, filwaqt li s-Sur Paul P. Borg ingħata l-istess premju għall-kontibut letterarju tiegħu fil-qasam tal-wirt kulturali.

13.3 Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 14.1. PC 0046/09 – Żieda fl-għoli tal-bini fiż-żona Tal-Ibraġ (P/5/8/M)

14.2. Saret referenza għal applikazzjoni PC 0046/09 sabiex jinbidel l-għoli tal-bini fil-blokka ġdida li żdiedet mal-iskema tal-bini fiż-żona ta' l-Ibraġ, wara li tneħħew numru ta' qtajja' mill-iskema fiż-żona ta' Sellum. Is-Sindku għarraf li r-residenti fetħu kawża lill-MEPA sabiex ma jkunx hemm tibdil fl-iskema. Is-smiegħ tagħha jinsab differit għal Frar 2011. Huwa għarraf ukoll li l-avukat li qed jidher f'isem ir-residenti huwa assistit mill-ambjentalist Dr Alan Deidun, filwaqt li qed jitħejja rapport.

14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 15.1. Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ (Z/1/1/Vol III)

15.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li l-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ qed jinkoraġġixxi t-twaqqif tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ u għalhekk sar attentat sabiex jinstabu żgħażagħ għal dan il-għan. Dawn huma:

Kaitlyn Byrne - Sindku
Bradley Borg – Viċi Sindku
Matthew Attard - Segretarju
Alexander Ellul - Kaxxier
Svetlana Micallef - PRO
Alexandra Balt
Etienne Cutajar
Eunice Duncan
Sami Elamin
Joseph Fenech
Erica Galea
Mark Grima

15.3. Is-Sindku qal li skond ir-regolamenti, l-istess żgħażagħ mistennija jħejju proġett li kemm-il darba jiġi approvat, tiġi allokata s-somma ta' €2,500 biex ikun jista' jitwettaq. Huwa qal ukoll li ż-żgħażagħ imsemmija ser jiġu ppreżentati lill-pubbliku waqt is-serata tal-ftuħ ta' Milied Melliehi, fit-18 ta' Diċembru 2010.

15.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 16.1. Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2010 (F/1/1/Vol II)

16.2. Is-Segretarju rrefera għar-rendikont li tqassam lill-Kunsillieri qabel is-seduta u kopja tiegħu qed tiġi mehmuża ma' dawn il-minuti.

16.3. Billi ma kienx hemm mistoqsijiet dwar ir-rendikont imressaq mis-Segretarju, Kunsill qabel li dan għandu jiġi mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fid-9.45pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 12 ta' Jannar 2011, fis-7.00pm.

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |